**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Ottubru 2020**

**<u>Rikors nru: 309/2020 AGV;</u>**

**AB U Dr. Lennox Vella (ID nru:497480M) bhala mandatarju specjali ta' CD (ID nru: 302384M)**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 15 ta' Settembru 2020, fejn esponew u bir-rispett ikkonfermaw li gej ;

1. Illi l-esponenti zzewgu nhar it- 22 ta' Awwissu 2009, gol-Kappella tal-Maqluba, Qrendi, skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A u minn daz-zwieg ma kellhom ebda ulied;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa min nhar il- 21 ta' Novembru 2013, b' kuntratt redatt min-nutar Timothy Ellis, li huwa anness u mmarkat Dok. B;
3. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghadhom hajja totalment separata min xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;
4. Illi prezentament CD tirrisjedi l-Awstralja, sewwa sew f' Unit 1, Heather Dale Road, Ringwood, Victoria, 3134, u ma hemm ebda prospett li hija terga' tirritorna lejn Malta. Ghal dan il-ghan hija ddikjarat solennament illi tixtieq tghaddi mill-procedura odjerna u dana skont id-dikjarazzjoni li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok C. In oltre' permezz tal-prokura specjali hija appuntat lil Dr. Lennox Vella sabiex bhala mandtarju taghha jirraprezentaha waqt dal-proceduri. Liema prokura tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D;
5. Illi ma hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registiat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**